MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 436/2006

**Claire Savona (K.I. 519583M)**
**vs**
**Steve Aquilina u Ray Baldacchino**

**It –Tribunal**,

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta’ somma komplessiva ta’elf, mija u sebgha u sittin ewro u tmienja u tmenin ewro centezmu (€1167.88) gja LM501.37 rapprezentanti in kwantu tmien mija u hames ewor u hames ewro centezmi (€805.05) gja LM345.61 *commission* dovuta lilha fuq ir-reklami mixtrija mill-kumpanija Faros Limited (rapprezentanti tal-Kryolan) u MGS Limited (rapprezentanti ta’ NEE’ Make-up) u in kwantu ghal tliet mija tnejn u sittin ewro u tnejn u tmenin ewro centezmu (€362.82) gja LM155.76 dovuti lill-attrici ghax-xoghol ta’ *make-up* illi svolgiet fuq talba tal-konvenuti nhar is-16 u 17 ta’ Awwissu, 2005. Il-konvenuti

baqghu inadempjenti minkejja varji interpellazzjonijiet sabbiex ihalsu.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li minn issa ngunti sabiex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn ecceppixxew illi preliminarjament il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi m'humiex il-legittimu kuntraditturi.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda peress illi mhux minnu li l-ammont pretiz huwa dovut u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, it-talba attrici ghal hlas tal-ammont mitlub hija f'kull kaz eccessiva.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-risposta datata 26 ta' Jannar, 2006 maghmula ghall-ittra ufficjali numru 340/06 u bl-imghaxijiet.

Ra il-kontrotalba pprezentata mill-konvenuti rikonvenzjonanti fejn talbu s-somma ta' elfejn, erba' mija, hamsa u erbghin ewro u erbgha u tmenin ewro centezmu (€2445.84) gja LM1050 bhala danni sofferti mill-konvenuti in konsegwenza tal-agir irresponsabbli tal-attrici rikonvenzjonata kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra r-risposta ghal kontrotalba fejn intqal illi t-talba ghall-hlas mill-eccipjenti hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda fl-intier taghha.

Salv ececzzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra taghhom.

Ra d-dokumenti ezebiti in atti.

Ra u sema' x-xhieda ta' Claude Savona, Claire Savona, Moira Delia, Steve Aquilina, Ray Baldacchino, Manuel Xuereb, Josette Grech, Michael Rossi u Simon Manicolo.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:-**

Illi din il-kawza tittratta dwar talba ghal hlas ta' *commissions* allegatament dovuti mill-konvenuti fuq reklami mixtrija mis-socjetajiet Faros Limited u MGS Limited, kif ukoll hlas ta' servizz rez lill-konvenuti li kien jikonsisti f'xoghol ta' *make up* f'zewg okkazjonijiet. Illi gie ukoll eccepiet mill-konvenuti li huma ma kienux il-legittimi kuntraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u li fil-mertu l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante illi x-xoghol rez mill-attrici kien ghal *promos* ta' programm li l-konvenuti kienu ha hejju fuq ix-xandir, liema xoghol kellu jservi bhala indikazzjoni u prova li l-attrici kienet kapaci taghmel ix-xoghol rikjest minnha. Illi skont il-konvenuti ma kellux ikun hemm hlas ghal *promotional work.*

Illi saret kontrotalba fejn intqal illi l-konvenuti sofrew danni per konsegwenza ta' l-agir tal-attrici meta hija ftit jiem qabel il-bidu tal-programm ma riedetx tahdem mal-konvenuti taht il-kundizzjonijiet li kienu nnegozzjaw bejniethom.

Illi preliminarjament qabel ma jidhol fil-mertu it-Tribunal jirrilleva li filwaqt illi saret eccezzjoni li l-konvenuti ghandhom jkunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju minhabba li huma mhumiex il-legittimi kuntraditturi huma ghamlu kontrotalba ghal danni sofferti mill-konvenuti per konsegewenza tal-agir tal-attrici. Illi huwa car lit-Tribunal li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u l-kontrotalba hija kontradittorja. Illi jekk kif intqal mill-konvenuti li huma mhumiex il-legittimu kuntraditturi *mutatis mutandi* ma kienux huma li sofrew xi danni per konsegwenza tal-agir tal-attrici. Ghalhekk il-fatt stess illi huma sofrew danni,

qieghdin jimplikaw illi huma l-legittimu kuntraditturi fit-talba. Illi fil-fehma tat-Tribunal, jekk il-konvenuti ma kienux il-legittimi kuntraditturi kellha ssir talba minn min allegatament sofra d-danni u a kontrarju senso jekk huma qieghdin jaghmlu kontrotalba ghandu jfisser illi huma qieghdin jaccettaw illi huma l-legittimi kuntraditturi skont it-talba. Ghalhekk it-Tribunal ha jkollu jevalwa din l-ikonsistenza bir-reqqa u jaghti decizjoni anke f'dan is-sens.

Illi fil-mertu, mill-provi attrici jirrizulta li l-attrici hija professjonista u hija *make up artist*. Illi fis-sajf tal-2005 hija iltaqghet ma' Steve Aquilina li kien qieghed jaghmel programm televiziv u li huwa flimkien ma Ray Baldacchino kellhom bzonn servizzi ta' *make up artist*. Spjegalha kif il-programm kien ghal disa' xhur u li huwa kien qied jippretendi li taghmel il-*make-up* ghal kast kollu tal-programm kull gimgha u li kienet ha tithallas ta' kull programm. Illi sabiex tigi accettata u tkun mhallsa ghal kull programm kellha tfittex sponsor li li kellu jiehu reklam ta' tletin sekonda kull gimgha ghal disa' xhur u ta' dan hija kienet ha tiehu ghaxra fil-mija (10%) bhala kummissjoni ghal kull reklam li kien jidher matul il-programm. Din kienet kundizzjoni ewlenija sabiex tinghata dan l-inkarigu u minghajr sponsor hija ma kienetx ha tinghata dan l-inkarigu. Ili wara din il-laqgha Claude Savona, ragel tal-attrici llum separati, gie ukoll mgharraf b'kollox minn Steve Aquilina fil-presenza tal-attrici. Illi ghalhekk kien mifhum illi l-attrici ha tithallas ghas-servizzi taghha ghal kull programm bil-kundizzjoni li tottjeni sponsor ghall-programm. Wara din il-laqgha Steve Aquilina kien qal lill-attrici sabiex tmur fl-edifizzju tas-socjeta' Where's Everybody sabiex taghmel xi xoghol fuq persuni li kellhom jiehdu sehem f'programm. Intqal ukoll illi giet mitluba ghal darb'ohra taghmel xi xoghol fil-Vivaldi Hotel fejn kienet ser isir it-tnedija tal-programm. Skont l-attrici gie miftiehem illi hija kellha tibghat fatturi ghas-servizzi prestati minnha. Ray Baldacchino flimkien mal-attrici kienu ukoll miftiehmin dwar il-kundizzjonijiet u hlas u dan sehh waqt illi huwa kien hadha d-dar bil-vettura tieghu wara *promo* li kien ittiehed il-Vivaldi Hotel. Irrrizulta li l-attrici kienet sabet *sponsorship* ta' tletin sekonda ghal kull programm ghal

Nee Make Up mid-ditta MGS kif ukoll sabet *sponsorship* ohra ta’ ghaxar sekondi ghal kull programm ghal Kryolan Make up mid-ditta Faros Limited. Meta hija flimkien ma Steve Aquilina kienu marru ghand tal- Nee Make Up, fil-karozza taghtu abbozz tal-impieg taghha li kienet hejjiet fuq struzzjonijiet tieghu stess. Steve Aquilina ma kienx qabel mal-kontenut u nnega li huwa kien wieghedha dak kollu li kien hemm imnizzel. Illi sussegwentement in-negozjati sfaxxaw izda hija xorta wahda riedet il-kummissjonijiet tal-isponsors li kienet sabet ghal programm. Saret taf illi effetivament matul is-sensiela tal-programm il-konvenuti kienu uzaw l-istess sponsors li hija kienet sabet izda qatt ma hadet il-kummissjoni allegatament miftiehma u li kienu spettanti lilha. Illi ghalhkek hija talbet s-somma ta’ €805.05 gja LM345.61 bhala mizata tal-sponsorship dovuta lilha kif ukoll €362.82 gja LM155.76 in kwantu ghas-servizz provdut minnha fiz-zewg *promos* separati ghall-programm Showtime ma’ Aceline.

Illi mill-provi tal-konvenuti jirrizulta li huma dejjem agixxew ghan-nom ta’ Aceline Entertainment Limited u li dak li kien imnizzel fl-abbozz moghti mill-attrici lil Steve Aquilina ma kienx dak li huma ftiehmu bejniethom u li in oltre is-servizz ipprovdut mill-attrici ghal *promos* kien prova sabiex jaraw jekk kienetx kapaci ghal dan ix-xoghol. Illi skont il-konvenuti l-attrici ipprezentatilhom termini tal-kuntratt abbozzati minnha fejn indikat illi l-ftehim kien qieghed isir ma’ Aceline, di fatti fi kliema hija sejhet dan il-fetehim bhala *Terms of Contract with Aceline*. Il-konvenuti sottometew illi din hija prova li tindika li l-attrici kienet taf illi l-konvenuti kienu qieghdin jagixxu ma socjeta’. Qalu ukoll li rigward il-*promos* meta huma sejhu lill-attrici sabiex taghmel il-*promos* huma riedu jaraw kif kien xoghlha u li kien tip ta’ *audition* ha jaraw jekk kienetx tajba jew le ghal dan ix-xoghol. Dwar l-*isponsorship* fejn kienet involuta Moira Delia qalu li dan l-*isponosrship* nghata biss bil-hila tal-prezentatrici Moira Delia li kienet mwieghda *sponsorship* ghal kull programm li tiehu sehem fih hija.

It-Tribunal huwa tal-fehma li tezisti distinzjoni bejn ‘film take’ bhala prova u ‘film take’ ghal *promo*. Illi meta *make*

*up artist* jissejjah ghall-*audition* dan ghandu jkun prova u semmaj jittiehdu ‘film takes’ tax-xogholijiet li taghmel u ghandha tkun gudikata ghal xoghlha f’dak il-mument. Illi meta jintalbu s-servizzi ta’ *make up artist* ghal *promo* li kien ha jixxandar lill-pubbliku ma jistax jitqies bhala *audition* izda fil-fehma tat-Tribunal ghandu jitqies bhala servizz bi hlas. Illi l-*auditions* jew *trial runs* tax-xoghol tal-attrici msemmija mill-konvenuti kienu fil-fatt *promos* li kienu ha jixxandru fuq il-mezz tax-xandir. Kieku l-attrici intalbet sabiex taghmel *demo* tax-xoghol taghha fuq persuni izda il-filmat tax-xoghol taghha inzamm ghall-uzu personali tal-produtturi allura ma kelliex tithallas izda l-attrici intalbet sabiex taghmel xoghol fuq mudelli u persuni liema filmat intuza bhala *promo* tal-programm fuq il-mezzi tax-xandir. Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici rrendiet servizz lill-konvenuti u ta’ dak is-servizz hija ghandha tithallas.

Illi skont ix-xhieda tal-konvenuti il-ftehim kien li l-attrici qatt ma kienet ha tithallas ta’ xoghlha izda ha tithallas permezz tal-isponsors li hija kienet kapaci ggib. Illi ghandu jinghad ukoll illi skont ix-xhieda tal-konvenuti kien hemm hafna nies li riedu post l-attrici bhala *make up artists* tal-programm taghhom u li l-kundizzjonijiet kienu ha jkunu l-istess. Izda rrizulta mill-provi li wara li l-ftehim bejn l-attrici u l-produtturi tal-programm Showtime ma sehhx, il-produtturi kellhom isibu *make up artist* u dan swielhom LM35 ta’ dak iz-zmien ghal kull programm.

Mill-provi dwar l-isponsors jirrizulta li ntqal minn sponsor wahda innifiisha li kienet l-attrici li kienet avvicinat lil dan l-isponosr izda li kienet wieghdet minn zmien qabel lil Moira Delia li fejn kien ha jkun hemm programm prezentat minn Moira Delia hija kienet ha tisponsorja l-programm. Illi dwar min kien resposnabbli ghall-isponsor tad-ditta Nee Make Up, it-Tribunal mhuwiex konvint illi l-mertu tal-isponsorship huwa kollu tal-prezentatrici Moira Delia kif intqal mill-konvenuti. Huwa fatt accetat li kienet l-attrici li avvicinat lill-agenti ta’ Nee Make up izda fi kliem Josette Grech, ir-rapprezentanta tal-istess agenzija, stqarret illi hija kienet wieghdet lill-Moira Delia, protagonista u prezentatrici tal-

programm, illi jekk kemm-il darba hija tkun qed tiehu sehem f’xi program hija kienet disposta tisponsorja il-programm.  Fil-fehma tat-Tribunal, fil-kaz odjern, il-kuntatt ghall-*isponsor* kien sar mill-attrici u mhux minn Moira Delia.    Illi kienet l-attrici li avvicinat lid-ditta rapprezentattiva ta’ Nee Make up.  Illi l-fatt illi Josette Grech kienet wieghdet lil Moira Delia f’xi zmien illi hija kienet disposta tisponsorja kwalunkwe’ programm fejn Moira Delia tiehu sehem, u ghalkemm huwa fattur ewlieni ghad-decizjoni tal-*isponsor* ma jfissirx illi x-xoghol sabiex jingab l-isponsor ma kienx sar mill-attrici.  Moira Delia kienet il-punt tal-bejgh biss.  Ir-rizultant ‘*sponsorship’* ingab bil-hila tal-attrici li ssoktat bil-kuntatt ma’ Josette Grech u segwiet innegozjati. Moira Delia ma hadietx sehem f’ebda negozjar ghall-‘*isponsor’* tal-programm, hija kienet biss karatteristika ta’ bejgh. It-Tribunal m’ghandux dubju li l-agenti tal-Kryolan *make up* kienu sponsorjaw il-programm bis-sahha tal-attrici ghalhekk huwa konvint illi l-attrici ghandha tiehu l-ghaxra fil-mija (10%) ta’ dak li thallas lill-produtturi tal-programm Showtime mill-Kryolan.

Illi dwar jekk il-konvenuti humiex il-legittimu kuntradittur ta’ din il-kawza, mill-provi jirrizulta li n-negozjati bejn l-attrici u l-konvenuti saru bejn Steve Aquilina u Ray Baldacchino. Illi ma jirrizultax illi l-laqghat kienu saru b’mod formali. Illi t-Tribunal jifhem illi dawn il-laqghat saru meta l-programm kien ghadu fil-bidu tieghu fejn il-produtturi tal-programm kienu ghadhom jagixxu f’isimhom.  Illi tul in-negozjati mal-attrici, l-konvenuti qatt ma taw x’jifhem illi qieghdin jagixxu f’isem xi socjeta.’  Illi mill-provi jirrizulta li n-negozjati saru permezz tat-telefown jew  wicc imb wicc izda mhux f’xi ufficju ta’ Aceline Entertainment Limited.  Illi l-attrici kienet taf biss illi hija kienet qieghda tinnegozja ma Steve Aquilina u Ray Baldacchino tal-Aceline, isem konness ma grupp ta’ zeffiena.  Illi jidhirlu lit-Tribunal illi fil-mument li l-konvenuta insistiet fuq certi kundizzjonijiet bil-miktub, il-konvenuti ma riduhiex aktar.  Illi jidhirlu li l-konvenuti ma riedux ihallsu lill-attrici ghal kull program izda riedu li hija tithallas tramite l-ghaxra fil-mija (10%) tal-mizata ta’ l-isponsorship mhallas lill-produtturi tal-programm.   It-Tribunal huwa konvint illi sal-mument li l-partijiet kienu qieghdin jinnegozjaw il-kundzzjonijiet l-parttijiet baqghu

jitkellmu f'isimhom, kull parti ghaliha, u hjiel ta' socjeta' qatt ma inghata lill-attrici. Ma gew ezebiti ebda dokumenti fuq *letterheads* ipprezentati lill-attrici. Huwa minnu li l-attrici kienet taf illi l-konvenuti kienu jifformaw parti mill-isem Aceline izda qatt ma giet prezentata b'xi dokument formali li l-konvenuti kienu qieghdin jagixxu fil-vesti ta' socjeta'. Tant illi meta hija bghatet l-*invoices* lill-konvenuti hija bghatithom f'isem il-programm Showtime ma' Aceline. Illi ma jirrizultax car u inekwivoku lit-Tribunal illi l-konvenuti kienu ghamluha cara lill-attrici li hija kienet qieghda tinnegozja ma Aceline Entertainment Limited tant illi l-konvenuti lanqas kienu qieghdin joperaw jew jiltaqghu ma l-attrici fl-ufficju ta' Aceline Entertainment Limited izda f'ufficju terz li ma kellux x'jaqsam ma' Aceline Entertainment Limited. In konkluzijoni fuq dan il-punt, it-Tribunal jidhirlu li il-konvenuti huma l-legittimi kuntraditturi f'dan il-kaz..

Dwar il-kontrotalba, it-Tribunal huwa tal-fehma li kieku l-konvenuti kienu certi mill-ewwel eccezzjoni taghhom ma kellhomx jaghmlu kontrotalba f'isimhom, izda kellha tkun is-socjeta' Aceline Entertainment Limited li kellha tiehu l-azzjoni necessarja sabiex tigi rimborsata xi spejjez li nkorriet allegatament tort tal-konvenuti.

It-Tribunal jirrilleva li fiz-zmien li nqalet il-kwistjoni bejn il-partijiet il-konvenuti kienu effettivament jagixxu f'isimhom. Illi minn investigazzjoni li ghamel it-Tribunal sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa ghal vertenza tal-kawza ra li s-socjeta' Aceline Entertainment Limited giet registrata fl-ahhar jiem ta' Lulju tal-2005. Illi l-attrici giet avvicinata mill-konvenuti f'Awissu tal-2005 u ghalhekk jidhirlu li l-konvenuti kienu ghadhom ma bdewx joperaw bhala socjeta' u ta' dan huwa konvint. Illi *in oltre* meta t-Tribunal ra 'r-recordings' tal-programm mitluba mill-Awtorita' tax-Xandir hemm riferiment bil-miktub ghal ' Showtime ma Aceline' u anke riferimentghal 'Aceline Entertainment' izda ma kien hemmx riferiment ghall-Aceline Entertainment Limited.

Jirrizulta lit-Tribunal li rigward il-kontrotalba huma qalu li kellhom jingaggaw lil terzi peress fl-ahhar minuta peress

illi l-attrici ma accettatx il-kundizzjonijiet taghhom. Wara li sema' u evalwa l-provi kollha lit-Tribunal jidhirlu li kif intqal mill-konvenuti stess, l-attrici kellha konkorrenza qawwija u setghu facilment jaghzlu lil xi hadd iehor izda jirrizulta li dan ma sehhx u baqghu jinnegizjaw mall-attrici nonostante li hija riedet hlas ghal kull programm. L-attrici ma qablitx mal-fatt illi hija kienet ser tithallas biss kumissjoni mill-i*sponsors* li kellha ssib. Hija ghamlitha cara li riedet tithallas ghal xoghlha peress illi hija kellha l-esperjenza mehtiega u ma kellhiex bzonn l-ghajnuna tal-programm ta' Showtime ma Aceline. Hija riedet hlas u dan jirrizulta car u manifest lit-Tribunal. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-partijiet kienu ghadhom qieghdin jinnegozjaw il-ftehim ta' bejniethom u jekk kemm-il darba l-ftehim ma rnexxiex bejn il-partijiet l-attrici qatt ma tista' tinzamm responsabbli ghal hlas ta' servizzi rezi minn terzi. Illi zgur ma jistax jitqies illi kien hemm ksur ta' ftehim jekk kemm-il darba il-ftehim qatt ma gie konkluz u accettat bejn il-partijiet u ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, il-kontrotalba ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant t-Tirbunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijet u l-kontrotalba tal-konvenuti minhabba nuqqas ta' provi, jiddikjara lli l-konvenuti huma l-legittimu kuntraditturi u jilqa' t-talba attrici kif ridotta permezz ta' Nota pprezentata mill-attrici nhar it-23 ta' Marzu, 2010 fis-somma ta' elf u hames ewro u tnejn u hamsin centezmi, bl-ispejjez u mghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------